Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 5/2013

**Johan Cassar**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

Il-Gimgha, 10 ta' Gunju, 2016.

Id-Direttur tas-Sigurta Socjali appella minn decizjoni tal-Arbitru tat-8 ta' Frar 2013 li biha giet revokata decizjoni tad-Direttur li Johan Cassar ma kienx intitolat ghall-ghajuna tal-qghad minhabba li ma kienx sodisfatt li hu kap tal-familja. Fid-decizjoni l-Arbtiru qal:

*"Illi l-unika raguni ghalfejn l-applikazzjoni tal-appellant giet rifjutata huwa l-fatt illi jghix ma' huh li huwa akbar minnu, u li allura jigi kkunsidrat bhala l-kap tal-familja.*

*Illi b'kull rispett l-arbitru huwa tal-fehma illi dan l-argument mhux wiehed gustifikat, u l-fatt illi l-appellant ighix ma' huh li huwa akbar minnu m'ghandux jiskwalifikah milli jiehu beneficcju.*

*Fl-umli fehma tal-Arbitru l-fatt illi l-appellant ighix ma' huh huwa rrilevanti u dana ghaliex ma tezisti ebda garanzija illi huh ser imantnieh.*

*L-appellant ghandu jkollu d-dritt illi japplika ghall-Ghajnuna ta' Dizimpjieg, u semmai jsiru l-aggustamenti apposti in vista tal-fatt illi l-appellant ma jghix wahdu.*

*Illi ghalhekk l-arbitru hu tal-fehma illi l-appellant ghandu jikkwalifika ghall-Ghajnuna ghal Dizimpjieg u li ghalhekk d-decizjoni tad-Direttur mhiex wahda gustifikata.*

*Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta Socjali datata 28 ta' Dicembru 2011 qed jigi revokat."*

L-aggravju tal-appellant hu li l-appellat ma jikkwalifikax bhala kap tal-familja ghaliex huh ighix fl-istess residenza tieghu, jahdem u skond l-Artikolu 15(1) tal-Kodici Civili l-ahwa ghandhom l-obbligu li jmantnu lil xulxin. Ghalhekk l-appellant isostni li ezercita l-poter diskrezzjonali skond l-Artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) li jipprovdi li kap tal-familja hi dik il-persuna li fl-opinjoni tad-Direttur hi kap tal-familja.

L-Artikolu 2 tal-Kap. 318 jaghti definizzjoni ta' kap tal-familja:

*"kap ta' familja" dwar familja li tkun ta' żewġ persuni jew iżjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja".*

L-istess disposizzjoni tipprovdi:

*"familja" tfisser persuna waħda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita waħedha jew żewġ persuni jew iżjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bħala familja…"*

Ghalkemm skond il-ligi d-Direttur ghandu d-diskrezzjoni sabiex jiddeciedi jekk persuna tikkwalifikax bhala kap tal-familja, id-decizjoni trid tkun wahda ragonevoli. F'dan il-kaz dak li hu cert hu li l-appellant ighix fl-istess dar ma' huh Christian Cassar, li hu 4 snin ikbar mill-appellat u ghandu mpjieg. Provi dwar l-impieg u d-dhul taghhom m'hemmx. L-aggravju tal-appellant hu bazat fuq dan l-argument:

*"Illi l-opinjoni tad-Direttur u cioe' li l-appellat Johan Cassar ma jitqiesx kap tal-familja hija msejsa fuq l-obbligu legali tal-ahwa li jmantnu lil xulxin kif naxxenti mil-ligi generali tal-Kodici Civili, precizament fl-Artikolu 15(1) fejn jippreskrivi li: "L-ahwa bniet u subien, sew jekk ahwa mill-missier u l-omm, kemm jekk mill-missier jew mill-omm biss, ghandhom ukoll l-obbligu tal-manteniment lejn xulxin, izda biss meta ma jkunx hemm persuni ohra obbligati."*

Il-qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-ragunament meta tqies li:

i. M'hemmx provi x'inhu l-impieg u dhul ta' Christian Cassar. Ghalhekk m'hemmx prova jekk Christian Cassar ghandux il-mezzi biex imantni lill-appellat.
ii. M'hemmx prova li Johan Cassar qieghed imantni lill-appellat;
iii. M'huwiex ragonevoli li l-appellant jiddeciedi dwar min hu l-kap tal-familja biss fuq disposizzjoni tal-ligi li titratta dwar l-obbligu tal-manteniment;

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.